# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 539/2017**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Carmelo Vella**

Illum 16 ta' Novembru 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Carmelo Vella**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 319064(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli fl-24 ta' Jannar 2009 għall-ħabta tas-sagħtejn u kwart ta' wara nofsinhar, waqt li kien fi Triq Għajn Dwieli, f'Telgħet Kordin u toroq oħra f'Raħal Ġdid:

1. attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, kontra l-persuna tal-kuntistabbli numru 170 Edward Calamatta, persuna nkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, filwaqt

li kien jaġixxi għall-eżekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skont il-liġi;

2. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, inġurja, hedded jew għamel offiża fuq il-persuna tal-kuntistabbli numru 170 Edward Calamatta, persuna nkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jagħmel jew minħabba li kien għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-eżekuzzjoni ta' dak is-servizz;

3. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli u ċioè ħsara fuq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni GVP 600 (EBB 723) ta' l-għamla Ford Focus, liema ħsara li tiskorri s-somma ta' mija u sittax-il Euro (€116) (Lm50) iżda inqas minn elf, mija u ħamsa u sittin Euro (€1165) (Lm500), saret għad-detriment tal-Gvern ta' Malta;

4. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ma obdiex l-ordnijiet leġittimi ta' l-awtorita' jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku u ċioè membru tal-korp tal-Pulizija, jew ma ħallihx jew fixklu waqt li kien jagħmel id-dmirijiet tiegħu, jew b'xi mod ieħor bla jedd, indaħal fi dmiru, billi ma ħalliehx jagħmel dak li b'liġi kien ordnat jew jista' jagħmel, jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li kien għamel skont il-liġi jew b'xi mod ieħor li jkun;

5. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi waqt li kien qiegħed isuq vettura numru tar-reġistrazzjoni CTH 003 ta' għamla Toyota Avensis ma kellux il-kontroll sħiħ tal-vettura u li ħoloq tali periklu billi waqt l-istess sewqan kien qiegħed jagħmel użu minn apparat ċellulari;

6. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi rrifjuta li jagħti, jew ta falz lill-uffiċjal pubbliku jew lil wieħed ieħor li jkun inkarigat minn servizz pubbliku waqt li kien jagħmel id-dmirijiet tiegħu, ismu, kunjomu, fejn joqgħod u partikolaritajiet oħra;

7. fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi qal kliem oxxen fil-pubbliku;

8. kiser il-kondizzjonijiet imposti fuqu b'sentenza mogħtija lilu mill-Qorti ta' Malta;

9. irrenda ruħu reċidiv *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula jew imħassra.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-6 ta' Diċembru 2017, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 17(b) u (d), 49, 50, 95, 96, 325(1)(b), 338(g), 338(bb) u 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u Regolament 115 tal-Avviż Legali 128 tal-1994 kif sussegwentement emendat, sabet lill-imputat ħati tar-reati kollha kontemplati f'dawn l-artikoli u kkundannatu piena ta' sitt (6) xhur priġunerija. *Ai termini* ta' Artikolu 28B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat li l-piena ta' xahrejn priġunerija sospiżi għal sena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-28 ta' Jannar 2008 tiġi reża operattiva, u b'hekk l-ħati kellu jagħmel perjodu globali ta' tmien (8) xhur priġunerija. *In oltre*, il-ħati ġie ordnat iħallas multa ta' ħamsin Euro (€50.00), li kellha titħallas minnufih, u fin-nuqqas kienet ser tiġi konvertita fi priġunerija bir-rata ta' ġurnata ħabs għal kull ħamsa u tletin Euro (€35.00) dovut. *Ai termini* ta' Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat lill-ħati jħallas lill-Gvern ta' Malta is-somma ta' mitejn u erba' u għoxrin Euro u għoxrin ċenteżmu (€224.20).

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fit-18 ta' Diċembru 2017 fejn talab lil din l-Qorti sabiex: "*jogħġobha: (1) tirriforma s-sentenza appellata billi tiddikjarah mhux ħati tal-imputazzjonijiet a tenur tal-Artikoli 95, 96, 352(1)(b), 338(g), 338(ee), kif ukoll billi tiddikjara li l-Artikoli 49, 50, 28B, 28C u 28D fil-każ odjern ma humiex operattivi applikabbli u tikkonfermaha in kwantu sabet lill-esponenti ħati tal-imputazzjonijiet a tenur tal-Artikoli 338(bb) tal-Kodiċi Kriminali u r-Regolament 115(2) tal-Avviż Legali 128 tas-sena 1994 u tirriforma l-*

*piena skont il-liġi;* ***jew*** *(2) alternattivament billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu u kif sabet lill-esponenti ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu u tirriformaha in kwantu għal piena, billi timponi piena aktar ekwa, ġusta u proporzjonali għal każ odjern skont il-liġi."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta (kemm dawk mismugħa fis-seduta tat-8 ta' Ottubru 2019 (*a fol.* 215 *et seq.*) u kif ukoll dawk mismugħa fit-18 ta' Ġunju 2020 (*a fol.* 246 *et seq.*)).

Semgħet, fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li fl-24 ta' Jannar 2009 l-appellant kien qed isuq il-vettura tiegħu fi Triq Għajn Dwieli, f'Telgħet Kordin, f'Raħal Ġdid f'liema ħin huwa kien qed jitkellem fuq il-*mobile* tiegħu. Jirriżulta li minn ħdejn l-appellant kien għaddej PC 170 Edward Calamatta u għamillu sinjal biex jitfa' l-vettura fil-ġenb. Inzerta li PC 170 Calamatta kien qiegħed pajżan u li għalhekk jidher li l-appellant ma tax każu mal-ewwel iżda wara li Calamatta daqq is-sirena jidher li l-appellant waqaf. Minn hawn il-quddiem jinfirdu l-verżjonijiet.

Illi skont il-verżjoni ta' PC 170 Edward Calamatta meta l-appellant waqaf bil-vettura, huwa baqa' jitkellem fuq il-*mobile* u wara li qata' Calamatta talbu jurih il-Karta tal-Identita'. Jgħid li l-appellant ħareġ mill-vettura u beda jkellmu baxx (lil PC 170) kif ukoll beda jimbuttah. Skont PC 170 Calamatta huwa beda jipprova jikkalma lill-appellant u din it-tilwima spiċċat billi l-appellant ta daqqa fuq il-bastun tas-saqaf tal-vettura li kien qed isuq hu (PC 170).

Illi skont l-appellant allura imputat huwa minflok il-Karta tal-Identita' offra l-liċenzja tal-vettura jew il-*logbook* iżda PC 170 Calamatta baqa' jinsisti fuq il-Karta tal-Identita' u beda jħabbat fuq il-*windscreen*. Minħabba f'hekk l-appellant jgħid li ħareġ mill-vettura u mbotta lil PC 170. L-appellant jispjega li għaraf l-iżball tiegħu u ammetta iżda jżid jgħid li wara PC 170 beda jgħidlu li anke hu jaf jimbotta u beda jimbuttah. Jgħid li x'aktarx f'dak il-mument ta daqqa fuq il-vettura li kienet misjuqa minn PC 170.

Illi qabel din il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu tfakkar li hija ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti sakemm din tkun waslet għall-konklużjoni tagħha legalment u raġonevolment. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-31 ta' Lulju 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Julian Genovese** (Numru 141/2008) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi l-ewwel tlitt aggravji jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi traskritti li għamlet l-Ewwel Qorti. Issa hu prinċipju ormaj stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-każ ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll fil-każ ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi eżerċitata mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel

> apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx raġjonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk iżda din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġjonevolment tasal għall-konkluzzjoni li waslet għaliha, allura din tkun raġuni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konklużjoni."

**Ikkunsidrat**

Illi fl-<u>ewwel aggravju</u> l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti saħqet li l-istqarrija rilaxxata minnu fis-sena 2009 kienet waħda ammissibbli minħabba li huwa ma ressaq l-ebda ilment dwarha u minħabba li jingħad li huwa kkonfermaha bil-ġurament. Jargumenta li hu ma kellux għalfejn iqajjem dan il-punt minħabba li l-Qorti għandha tara li l-proċeduri legali għandhom isiru skont il-liġi. Jagħmel riferenza għal ġurisprudenza u jgħid li mhuwiex korrett li jingħad li hu kkonferma l-kontenut tal-istqarrija tiegħu. Jgħid li għalhekk kull konstatazzjoni magħmula mill-Ewwel Qorti li hija bbazata fuq l-istqarrija kienet legalment żbaljata.

Illi dwar dan l-aggravju din il-Qorti tibda billi tirreferi għat-traskrizzjoni tax-xiehda mogħtija mill-appellant allura imputat quddiem l-Ewwel Qorti fis-seduta tal-5 ta' Lulju 2011, fejn hemm imniżżel hekk (*a fol.* 102):

| | |
|---|---|
| "Avukat: | Inti akkużat li aggredejtu iktar minn hekk. Taf. Smajtu jixhed. X'inhi l-verżjoni tiegħek? |
| Xhud: | Dott. meta jkunu quddiem is-sinjur jitkellmu mod u meta jkunu l-Għassa mod ieħor hux. |
| Qorti: | Ma rridx kummenti. Irrispondi d-domanda. |

Xhud: Mhux vera. Li hemm fl-*istatement*. La għandi xi inżid u lanqas xi inaqqas. Xejn. [...]."

Illi fil-kontro-eżami tiegħu fl-istess seduta jirriżulta s-segwenti (*a fol.* 103):

"Prosek.: Inti apparti dak li staqsiek l-avukat issa, il-kumplament tal-kontenut ta' dak li qratlek il-Maġistrat issa tikkonfermah minn naħa tiegħek?

Xhud: Iva. li hemm żball biss li ma hemmx imniżżel li beda jsabbat fuq il-*windscreen*. Hemm imniżżel li ħriġt għalih."

Illi minn qari tal-istqarrija rilaxxata mill-appellant (Dok. "AG" – *a fol.* 27 *et seq.*) jirriżulta li l-kontenut tagħha huwa prattikament kopja tax-xiehda mogħtija mill-appellant allura imputat għajr għal kwistjoni li PC 170 Edward Calamatta sabbat mal-*windscreen*. B'hekk jirriżulta li l-Ewwel Qorti mhux biss kellha l-istqarrija fuq xiex tibbaża l-konsiderazzjonijiet tagħha iżda kellha wkoll ix-xiehda mogħtija mill-istess appellant. Għal kull buon fini u għal kompletezza jiġi nnutat li meta xehed l-appellant allura imputat quddiem l-Ewwel Qorti huwa kien debitament assistit mill-avukat tiegħu (*a fol.* 97). Dan ifisser li meta l-appellant ikkonferma l-kontenut tal-istqarrija rilaxxata minnu huwa għamel hekk fuq għażla tiegħu u fil-preżenza tal-avukat tiegħu. B'hekk għamlet sew l-Ewwel Qorti meta qieset l-istqarrija tal-appellant bħala prova ammissibbli ġialadarba ġiet konfermata bil-ġurament quddiemha mill-appellant allura imputat minn jeddu u b'mod volontarju. Għalhekk l-ewwel aggravju qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-<u>tieni aggravju</u> l-appellant jilmenta li ma jistax jifhem kif instab ħati ta' Artikolu 338(g) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li meta hekk kif tixhed Anne Marie Muscat huwa offra li jagħti l-

liċenzja tas-sewqan tiegħu, hija ħarġet sabiex tagħti l-*logbook* lil PC 170 Edward Calamatta. Jisħaq li ż-żewġ dokumenti fihom l-informazzjoni kollha u għalhekk ma jistax jifhem kif instab ħati tal-Artikolu in kwistjoni.

Illi rigward dan l-aggravju din il-Qorti tinnota li hawn fejn jibdew jinbidlu l-verżjonijiet tal-partijiet fejn mentri l-appellant allura imputat u s-sieħba tiegħu jgħidu li ġiet offruta l-liċenzja tas-sewqan u l-*logbook*, PC 170 Calamatta jgħid li huwa din il-kwistjoni tal-liċenzja ma jiftakarx dwarha (*a fol.* 49). Jirriżulta li l-Ewwel Qorti emmnet lil PC 170 u b'riferenza għal Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għaddiet sabiex sabet lill-appellant allura imputat ħati tas-sitt (6) imputazzjoni.

Illi l-Ewwel Qorti rabtet ukoll id-deċiżjoni tagħha max-xiehda mogħtija mis-sieħba tal-appellant li qalet li ħarġet il-*logbook*. Għalhekk l-Ewwel Qorti kkonkludiet li *se mai* kien il-*logbook* li ġie offrut u mhux il-liċenzja. Din il-Qorti qrat bir-reqqa x-xiehda mogħtija minn Anne Marie Muscat quddiem l-Ewwel Qorti (*a fol.* 107 *et seq.*) minn liema jidher li hija kienet qiegħda tipprova timminimizza l-aġir tal-appellant u għalhekk f'għajnejn din il-Qorti tilfet mill-kredibilita' tagħha. B'hekk anke t-tieni aggravju qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi t-tielet aggravju huwa dwar Artikoli 338(ee), 95 u 96 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellant jgħid li wieħed għandu jara li l-piena tiġi kkalkulata skont ma kien applikabbli meta seħħ ir-reat u dana minħabba li Att V tal-2014 kien għadu ma daħalx fis-seħħ. Jgħid li xorta jrid jiġi stabbilit li kien hemm xi theddid, inġurja jew offiża fil-konfront tal-uffiċċjal pubbliku u jisħaq li minn analiżi ta' dak li xehed PC 170 Calamatta dan ma jirriżultax u li għalhekk hu ma kellux jinsab ħati tal-Artikoli in kwistjoni.

Illi din il-Qorti tinnota li permezz ta' Att V tal-2014 żdiedet il-piena applikabbli għal Artikoli 95 u 96 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet

ta' Malta b'dan illi l-imsemmi Att ħassar is-sub-artikolu (2) u (3) ta' Artikolu 95 tal-Kapitolu msemmi. Filwaqt li Artikolu 95(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kien jistabbilixxi s-segwenti:

> "Iżda l-piena ma tiżdiedx meta hija dik stabbilita għall-kontravenzjonijiet",

Artikolu 95(3) tal-istess Kapitolu kien jaqra hekk:

> "Il-piena lanqas ma tiżdied meta hija dik ta' priġunerija għal mhux iżjed minn tliet xhur: iżda, f'dan il-każ, il-qorti tista', ma' din il-piena, żżid il-multa."

Illi mix-xiehda mogħtija minn PC 170 Edward Calamatta (*a fol.* 46 *et seq.*) jirriżulta li l-kliem li uża l-appellant kienu mfissra b'mod ċar u ma kienux ċanfir. Jirriżulta li dan il-kliem kien kliem oxxen u baxx bl-intenzjoni li jtellef u jnaqqas il-ġieh ta' PC 170 Calamatta u lill-korp tal-Pulizija li kien qed jirrappreżenta. Għalhekk din il-Qorti mhijiex tal-fehma li għal dawn il-kliem kienet tapplika l-piena ta' kontravenzjoni u b'hekk kienet korretta l-Ewwel Qorti meta sabet lill-appellant allura imputat ħati tar-reat stipulat taħt Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta hekk kif kien viġenti fi żmien li seħħ ir-reat.

Illi dwar Artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tinnota li l-appellant jammetti fix-xiehda tiegħu li huwa imbotta lill-Pulizija u huwa indubitat li huwa ta daqqa ta' ponn fuq il-vettura. L-Ewwel Qorti qieset li din id-daqqa kienet intiża sabiex l-appellant juri lil PC 170 Calamatta x'kien kapaċi jagħmel. Dwar ir-reat stabbilit taħt Artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-31 ta' Mejju 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Generoso Sammut** (Numru 452/2003) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi l-Artikolu 96, imbagħad għalkemm ukoll għandu bħala vittma l-uffiċjal pubbliku, jikkontempla tlett elementi essenzjali għal kostituzzjoni ta' dana ir-reat, u dan kif tajjeb delinejati mil-Ewwel Qorti fis-sentenza

> appellata. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew resistenza, liema attakk jew resistenza trid tkun neċessarjament akkompjanta bl-użu tal-forza, vjolenza jew bil-ħebb. Fit-tieni lok ir-reat irid jiġi kommess fil-konfront ta' uffiċjal pubbliku jew ta' persuna nkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku. U fl-aħħarnett huwa neċessarju illi l-attakk jew reżistenza kontra l-uffiċjal pubbliku irid isir filwaqt illi huwa ikun qiegħed jaġixxi għall-eżekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skont il-liġi minn awtorita' kompetenti."

Illi l-azzjoni li l-appellant imbotta lil PC 170 Calamatta hija azzjoni li tikkonfigura fir-reat in kwistjoni. Ma tridx tintnesa lanqas id-daqqa fuq il-vettura. Din il-Qorti hija tal-fehma li l-appellant kien qed jipprova jintimida lil Pulizija u dana billi jurih li tant kien b'saħħtu li seta' jgħawweġ il-bastun tal-vettura b'daqqa. Għalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment issib lill-appellant allura imputat ħati tal-Artikoli in eżami u b'hekk it-tielet aggravju qed ikun miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi r-raba' aggravju huwa dwar Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fejn l-appellant jilmenta li ġie mixli li ried jagħmel ħsara volontarja fuq proprjeta' tal-Pulizija. Jgħid li mir-rapport magħmul mill-garaxx tal-Pulizija tali ħsara saret fuq il-pilastru tan-naħa tax-xellug. F'dan ir-rigward huwa jistaqsi: jekk huwa ried jagħmel tali ħsara għalfejn kellu jagħżel l-iktar parti iebsa tal-vettura? Jispjega li jekk wieħed iqis kollox jirriżulta li l-ħsara magħmula minnu ma saritx b'intenzjoni volontarja iżda b'aġir involontarju hekk kif ikkontemplat taħt Artikolu 328 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi f'dan ir-rigward din il-Qorti diġa' qalet aktar 'il fuq kif tqies id-daqqa ta' ponn fuq il-vettura. Tali daqqa ma hijiex xi forma ta' sfog jew frustrazzjoni iżda hija azzjoni intimidatorja li torbot mal-kliem li qal l-appellant lil PC 170 Calamatta. In vista ta' dan anke dan l-aggravju qed jiġi miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ħames aggravju huwa dwar Artikoli 28B, 28C u 28D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellant jilmenta li fl-atti proċesswali ma hemmx prova li s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-28 ta' Jannar 2008 (*a fol.* 80 *et seq.*) hija *res judicata*. Għal kull buon fini jingħad li f'din is-sentenza l-appellant kien ġie kkundannat xahrejn priġunerija liema żmien ġie sospiż għal sena. L-appellant jargumenta li stante li ma hemmx prova li s-sentenza msemmija kienet *res judicata*, b'hekk skont hu hija ma għandhiex tintuża għall-applikazzjoni ta' Artikoli 49, 50, 28B, 28C u 28D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti tinnota li apparti s-sentenza msemmija fil-paragrafu preċedenti, l-atti proċesswali jikkontjenu wkoll żewġ sentenzi oħra: waħda mogħtija fil-11 ta' Ġunju 2007 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (*a fol.* 75 *et seq.*) fejn l-appellant ġie kkundannat xahrejn priġunerija li ġew sospiżi għal sena u sentenza oħra mogħtija fl-4 ta' Settembru 2007 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (*a fol.* 78 *et seq.*) li ddikjarat l-appell tal-appellant fir-rigward tas-sentenza tal-11 ta' Ġunju 2007 bħala null u bla effett u fejn astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-istess appell.

Illi mingħajr tlaqlieq ta' xejn din il-Qorti tgħid li taqbel ma' dak li qed jgħid l-appellant fir-rigward tas-sentenza mogħtija fit-28 ta' Jannar 2008 hawn fuq imsemmija u dana minħabba li fattwalment ma hemmx prova fl-atti proċesswali li din is-sentenza kienet *res judicata*. B'hekk din il-Qorti ser tilqa' l-aggravju in eżami fejn jirrigwarda s-sentenza msemmija.

**Ikkunsidrat**

Illi fis-sitt aggravju l-appellant jitlob li jekk din il-Qorti tikkonferma l-ħtija tiegħu hija għandha teroga piena aktar ekwa, ġusta u proporzjonata. Jisħaq li Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-

Liġijiet ta' Malta mhumiex applikabbli f'eventwalita ta' sejbien ta' ħtija dwar kontravenzjoni u/jew aġir involontarju.

Illi din il-Qorti tinnota li fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti erogat piena ta' sitt (6) xhur priġunerija fir-rigward tal-Artikoli tal-liġi li fihom hija sabet ħtija fl-appellant allura imputat, liema piena msemmija tikkonfigura fil-piena li setgħet tingħata meta ġie kommess ir-reat kontemplat taħt Artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan l-artikolu kien jistipula piena ta' erba' xhur sa sena priġunerija f'każ li l-attakk jew reżistenza jsir minn wieħed jew tnejn minn nies. Għal kull buon fini jiġi nnutat li peress li, kif diġa' ngħad aktar 'il fuq, is-sentenza mogħtija fl-4 ta' Settembru 2007 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (*a fol.* 78 *et seq.*) iddikjarat l-appell tal-appellant fir-rigward tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-11 ta' Ġunju 2007 (*a fol.* 75 *et seq.*) bħala null u bla effett b'hekk ifisser li l-appellant għandu jitqies li huwa reċidiv *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi minkejja li din il-Qorti ħadet konjizzjoni tan-Nota ta' Riferenzi eżebita mill-appellant quddiemha fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2023, din il-Qorti tinnota li tenut kont tal-fedina penali tal-appellant li minnha jirriżulta li huwa kisser difrejgħ mal-liġi diversi drabi, tenut kont tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata meta ġiet biex tagħti l-piena (li din il-Qorti taqbel magħhom) u tenut kont ukoll tal-fatt li l-piena ta' sitt (6) xhur priġunerija erogata mill-Ewwel Qorti tqarreb lejn il-minimu li kienet tistabbilixxi il-liġi, b'hekk din il-Qorti ma tarax li hemm lok ta' temperament fil-piena ta' priġunerija msemmi b'dan illi ma għandhiex tiġi esplorata piena oħra. Fir-rigward tal-multa erogata mill-Ewwel Qorti ma hemmx lok lanqas li din tiġi varjata.

Illi minħabba li aktar 'il fuq ingħad li l-ħames aggravju ġie milqugħ, b'hekk isegwi li din il-Qorti mhijiex ser iġġib fis-seħħ is-sentenza ta' xahrejn priġunerija t-terminu ta' liema ġie sospiż fit-28 ta' Jannar 2008.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' *in parte* l-appell imressaq mill-appellant Carmelo Vella u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha għajr għal dik il-parti fejn l-Ewwel Qorti *ai termini* ta' Artikolu 28B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ordnat li tiġi fis-seħħ il-piena ta' xahrejn priġunerija liema terminu ġie sospiż għal sena permezz tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-28 ta' Jannar 2008 liema parti qed tiġi mħassra u revokata.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**